Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 368 / 2018

**Il-Pulizija**

**[Spettur Keith Arnaud]**

**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Freddie Delia**

**Christopher Scerri**

Illum 14 ta' Frar, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Freddie Delia detentur tal-karta tal-identita` numru 207978 M u Christopher Scerri detentur tal-karta tal-identita` numru 419778 M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' Settembru, 2009, ghall-habta tat-tmienja nieqes kwart ta' filghodu, ikkommettew serq minn gewwa r-residenza bl-isem Tesant, li tinsab fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, u dan ghad-detriment ta' Maria Teresa u Anthony Lia minn Haz Zabbar u/jew persuna jew persuni ohra;

Lil Freddie Delia wahdu

Talli renda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Christopher Scerri wahdu

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal erba' snin moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, fl-14 ta' Novembru 2007, kif ukoll sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Michael Mallia LL.D, fl-14 ta' Jannar 2008;

U akkuzat aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D, nhar is-16 ta' Novembru 2007.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati disa' u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2012 li bihom jahseb li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli tal-ligi:-

1. fil-konfront ta' Freddie Delia:-

(1) fl-artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264 (1), 265, 267, 269 (b), 278 (2) (3), 279 (b), 280 (1) (2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fil-konfront ta' Christopher Scerri:-

(1) fl-artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264 (1), 265, 267, 269 (b), 278 (2) (3), 279 (b), 280 (1) (2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) fl-artikoli 28 A sa 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relattivament ghal dak misjub fl-artikolu 28 F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-artikoli 7, 21, 22, 23, 24 u 25 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(5) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputati Christopher Scerri u Freddie Delia hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u wara li rat l-artikoli tal-ligi, ikkundannat lill-imputat Christopher Scerri ghall-piena ta' prigunerija ghal sentejn (2) filwaqt li ordnat li s-sentenzi datati 14 ta' Novembru 2007 moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli u dik datata 14 ta' Jannar 2008 moghtija mill-Magistrat Michael Mallia jibdew isehhu mil-lum.

Fir-rigward tal-imputat Freddie Delia l-Qorti ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment, spjegat liz-zewg imputati Christopher Scerri u Freddie Delia fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Christopher Scerri prezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 t' Ottubru, 2018 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi, fil-konfront ta' Christopher Scerri, THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement TILLIBERAH minnhom; jew sussidjarjament TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha, kif ukoll il-piena erogata fil-konfront tal-appellant.

**A. Apprezzament tal-Provi**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

**Il-Kredibbilita' tal-komplici Omar Pisani**

Illi preliminarjament jigi rilevat illi dan il-kaz huwa imsejjes biss fuq cirkostanzi u fuq x-xhieda ta' Omar Pisani, li minghajr ebda tlaqlieq jigi sottomess li ma hu xhud kredibbli assolutament xejn!! Sfortunatament, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkunsidra l-fatt illi Pisani huwa persuna li wiehed ma jistax joqghod fuqha, ahseb u ara kemm isib htija f' akkuzat, f' dan il-kaz l-appellant Christopher Scerri, a bazi ta' dik ix-xhieda biss.

Illi tenut kont tal-fatt illi Pisani legalment jitqies bhala komplici fil-kaz odjern, u dan tenut kont tal-fatt illi hu wkoll kien tressaq quddiem il-Qorti akkuzat b' akkuzi relatati mal-kaz odjern u f' liema proceduri kien ammetta. Ghalhekk, sabiex il-Onorabbli Qorti tqis ix-xhieda tieghu bhala wahda ammissibbli trid tezamina x-xhieda ta' dak ix-xhud b' hafna izjed kawtela minn xhieda ohrajn, aktar u aktar meta ma jkunx hemm provi ohrajn kontra dak l-imputat. Illi filfatt, qabel l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att XVI tas-sena 2006, il-Ligi kienet tiddetta illi meta l-unika xhud ikun dik l-istess persuna li tkun komplici fil-kaz, dik l-istess xhieda trid tkun korroborata f' fatti materjali ohrajn sabiex tkun ammissibbli. Illi meta dak l-artikolu tal-Ligi, u cioe' artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali kien emendat, sar jaqra:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b' kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.*

Illi huwa ghalhekk, li meta tigi ezaminatha xhieda bhal dik ta' Omar Pisani, il-Qorti trid tuza *ex abundantia cautela,* sabiex permezz ta' dik ix-xhieda hi ssib htija fl-imputat. Illi tant kemm il-Qorti trid tkun kawta, u trid taghmel ezami bir-reqqa ta' dik ix-xhieda, illi l-Qrati taghna kemm il-darba tennew li filfatt kwalunkwe' dikjarazzjoni ta' ko-awtur jew inkella ta' komplici f' kaz lanqas biss ma hi wahda ammissibbli sakemm il-kaz ta' dik il-persuna ikun ghadda in gudikat.

F' dan l-istadju, l-esponenti sahansitra ser jaghmel referenza ghall-istqarrija rrilaxxatha minn Pisani, fil-konfront tal-esponenti, liema stqarrija kien ikkonfrontat biha waqt li kien qieghed jixhed l-istess Pisani. Illi bid-dovut rispett, dik l-istess stqarrija ma setghet qatt intuzat bhala prova kontra l-istess appellant u dan tenut kont tal-fatt li giet rilaxxatha minn Pisani meta hu ma kellux id-dritt li jkun assistit minn Avukat, u ghalhekk l-istess stqarrija hija inammissibbli u dan anke' in vista tad-decizjoni ricenti li inghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo v. Avukat Generali,</u>** <u>moghtija nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 2018,</u> liema

Qorti tenniet illi tenut kont li Bartolo ma kellux d-dritt li jkollu Avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt li rrilaxxa l-istqarrija, il-Qorti qatghet u ddecidiet illi l-istqarrija tieghu kienet inammissibbli. Ghaldaqstant, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta kompletament l-istqarrija rrilaxxata minn Pisani, u f' dan l-istadju l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tisfilza l-istess stqarrija.

Oltre' dan, anke' li kieku dik l-istess stqarrija kienet ammissibbli fl-ambitu ta' dak appena rilevat, l-esponent jaghmel referenza ghall-fatt li kwalunkwe' dikjarazzjoni ta' xhud illi huwa komplici jew ko-awtur, liema dikjarazzjoni ikun ghamilha hu stess qabel ma instab hati, il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f' diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmelo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-**Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit** et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.

F' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghal digriet datat nhar l-erbgha (4) ta' Frar tas-sena 2004, fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella,** fejn il-Qorti kienet tenniet illi:

> persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess

> kawza tal-akkuzat l-iehor b' mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens talkelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati.

*Di piu'* , fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, tal-hdax (11) ta' Lulju, 1997 il-Qorti tenniet illi:

> Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll linammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż.

Ghaldaqstant, minkejja illi l-ligi ma ghadhiex tiddetta li dik ix-xhieda tal-persuna komplici ghandha tkun korroborata b' fatti materjali sabiex tkun ammissibbli, il-Ligi xorta wahda tiddetta illi dik ix-xhieda ghandha tigi ezaminatha b' kawtela kbira, u dan in vista tal-fatt li meta l-unika prova kontra l-imputat ikun xhud li huwa hati hu stess minhabba komplicita' fil-kaz jew ghax ikun ko-awtur, wiehed irid jifhem x' livell ta' kawtela huwa rikjest, f' kazijiet bhal dawn. Issa fil-kaz odjern, mhux talli mix-xhieda ta' Pisani jirrizulta li ma kienx qieghed jghid mis-sewwa, talli ma kien hemm l-ebda fatti materjali li b' xi mod jew iehor jikkorroboraw ma' dak illi beda jtenni. Illi aktar l-isfel l-esponent ser jaghmel accenn ghall-provi cirkostanzjali li tressqu mill-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern, liema provi, bid-dovut rispett ma jikkonfermawx dak li qal Pisani. Barra minn hekk, minkejja li l-Ewwel Qorti ghamlet accenn ghall-komportament tax-xhud, hi xorta wahda emmnitu u accettat ix-xhieda tieghu bhala wahda veritiera, u dan minkejja l-fatt li l-istess xhud bilkemm ried jixhed, kien rigidu hafna u ma riedx jizvela dettalji, kwazi, kwazi ostili.

Illi filfatt, Pisani ghal izjed minn darba jipprova jahrab mid-dettalji u sahansitra tenna izjed minn darba li lanqas biss ried jixhed quddiem din l-Onorabbli Qorti. Tant hu hekk li dan ix-xhud jghid is-segwenti:

*Prosekuzzjoni: Kif wasalt biex ghaddejtha, biex ghaddejtha c-cavetta?*

*Xhud:* ***Nista' nieqaf. Kemm ghaddejt ic-cavetta bizzejjed.***

*Prosekuzzjoni: X' inhi?*

*Xhud:* ***Nista' nieqaf hem. Kemm ghaddejt ic-cavetta. Mhux bizzejjed?***

Illi *di piu'* , meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' taqra x-xhieda ta' Omar Pisani ser tinnota li l-Ewwel Qorti stess kienet wissietu u fakkritu diversi drabi li kien jinsab taht gurament:

*Qorti: Imma f' liema cirkustanzi tajtilu, u nwissik li* ***qieghed bil-gurament.***

*[…]*

*Qorti:* ***Inwissik li qieghed bil-gurament u trid tghid dak kollu li taf, tajjeb?***
*Xhud: Jien naf. Ghaddejthielu ux*

*[…]*

*Qorti:* ***Qed nerga' nwissik. Trid tirrispondi dak kollu li taf.***

Illi barra minn hekk, meta terga' tinqara x-xhieda tieghu, jigi innutat li fl-ebda hin tax-xhieda tieghu ma kien car fi kliemu, u la spjega f' liem cirkustanzi ghadda c-cavetta, u fejn…xejn! Ghalhekk, kif jista' jkun li l-esponenti appellant jinstab hati meta x-xhud principali la ta spjegazzjoni u lanqas huwa xhud kredibbli?! **Inoltre' , tajjeb li jigi rilevat ukoll li Omar Pisani bilkemm biss semma' lill-esponenti**

**<u>Christopher Scerri fid-depozizzjoni tieghu, u ghaldaqstant is-suppost involviment tieghu huwa wiehed fjakk ghall-ahhar.</u>**

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu relevanti tal-Ligi li jiddettalna li l-Qorti meta tqies ix-xhieda ta' komplici, ghandha tezercita' kawtela kbira; u dan ghar-raguni ovvja ghaliex komplixi jista' jkollu interess li jwahhal f' haddiehor.

Illi anke' l-fatt li ghall-ewwel Omar Pisani lanqas ried jikkopera xejn mal-Pulzija, imbaghad misterjozikament avvicina l-Pulizija minn jeddu u ipponta subghajh lejn l-l-appellant u l-ko-akkuzat l-iehor Delia.

*Di piu'* , l-inaffidabbilita' u l-karattru refrattarju tax-xhud Omar Pisani ma ittiehditx in konsiderazzjoni meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet sabiex tezamina l-kaz odjern, u kif ukoll il-fatt illi l-istess Pisani kellu interess fil-kaz, stante' illi minhabba l-fat li hu ghen lill-Pulizija fl-istharrig taghha, ibbenefika mill-piena fil-konfront tieghu. Illi meta Qorti tigi biex tezamina xhud, trid tezaminah ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, u cioe' :

*637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

*Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.*

Illi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni ta' kull rekwizit li jirrikjedi xhud ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed jinnota illi Omar Pisani ma

jissodisfa l-ebda wiehed minnhom u dan ghal diversi ragunijiet. Pisani mhux talli ma kienx konsistenti fl-istqarrijiet u x-xhieda tieghu, u mhux talli wkoll ix-xhieda tieghu ma kellhiex mis-sewwa, talli ghandu kondotta u karattru refrattarji.

Huwa ghalhekk, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex toqghod fuq ix-xhieda ta' Omar Pisani sabiex tasal ghall-htija tal-esponent, stante' illi dik l-istess xhieda ma hix wahda kredibbli.

**Provi Cirkostanzjali**

Barra minn hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet referenza ghall-provi cirkostanzjali illi hemm f' dan il-kaz, u minkejja li dik l-istess Qorti ghamlet accenn ghall-gurisprudenza fir-rigward tal-provi indizzjarji, l-esponent ma jistax jaqbel mal-Qorti ghall-mod ta' kif interpretat l-istess provi. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li tenniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-provi cirkostanzjali li tressqu fil-kaz odjern, **bl-ebda mod ma jwasslu ghall-konkluzzjoni wahdanija u certa li l-esponent kien involut fis-serqa in kwistjoni, anzi ghall-kuntrarju ta' dan, il-provi imressqa ma jwasslu imkien.**

Illi meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' tara bir-reqqa l-provi prodotti fil-kaz odjern, tinnota illi filfatt il-provi cirkostanzjonali kollha jikkrollaw stante' illi l-ebda wahda minnhom ma tipprova illi fil-verita' minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, Christopher Scerri kien involut f' dik is-serqa.

Kif qalet ben tajjeb l-Ewwel Qorti, il-gurisprudenza nostrana tghallimna illi provi cirkostanzjonali iridu jkunu univoka u jwasslu ghall-probabbilita' wahda biss, u l-ebda probabbilitajiet ohra. Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b' diversi sentenzi sahqu

illi sabiex Qorti issib htija fl-imputat fuq provi indizzjarji, **kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-imputat.**

Fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit** moghtija nhar it-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

> Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija s-circumstantial evidence. [...] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` **jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet.**

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg et** moghtija nhar l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Appelli Kriminali tenniet illi:

> Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi **jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka.**

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-imputat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f' dak l-imputat stante' illi il-provi

cirkostanzjali iridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Ellul Vincenti** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

> **Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali** illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, **li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss.** Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok **diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni.**

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **The Republic of Malta v. Eduardo Navas Rios** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013):

> *It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt* ***this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie they may deceive.***

Illi kif kwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Kyle Stone** nhar l-ghoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013):

*Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758* *"& **works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."***

**Illi f' dan l-istadju wkoll issir referenza ghall-kawza bl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghallkonkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".

**Inoltre fil-kawza bl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:**

"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f' mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada ,** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tassena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:

"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b' konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni lapppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira talunivocita` u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi l-esponenti jirrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b' sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f' certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt. Bid-dovut rispett, fil-kaz odjern, minkejja li kien hemm izjed minn prova cirkostanzjali wahda, l-ebda wahda minn dawk il-provi ma twassal ghall-konkluzzjoni li filfatt minghajr ebda dubju kien l-appellant li wettaq is-

serqa in kwistjoni; ahseb u ara kemm il-provi kollha jwasslu ghal din l-istess konkluzzjoni.

Illi fil-kaz odjern, jekk wiehed jara l-provi cirkostanzjali principali jara li dawn filfatt ma jwasslu ghall-ebda konkluzzjoni definittiva, stante' illi l-ewwel nett, **u dan huwa punt krucjali,** illi mix-xhieda tad-derubati Lia johrog bic-car illi fit-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (07:45am) huma jixhdu bil-gurament li kollox kien sew u f' postu gewwa r-residenza taghhom, u filfatt l-akkuza li kienu akkuzati biha l-imputati, illum Scerri l-appellant, tirreferi illi s-serqa saret f' hin specifiku, u cioe' fit-tmienja neqsin kwart ta' filghodu (07:45hrs). Illi jekk imbaghad din l-Onorabbli Qorti thares lejn l-istils li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni, tinnota illi l-vettura tal-marka Pajero, telqet minn fuq il-post fis-sebgha u ghaxra ta' filghodu (07:10hrs). **Ghaldaqstant, il-provi qeghdin jixdhu bil-kontra ta' dak illi qieghed jigi allegat, u cioe' li l-appellant Scerri kien involut f' din is-serqa, u dan stante' illi l-karozza li suppost kien qieghed isuq telqet minn fuq il-post tliet kwarti qabel ma filfatt sehhet din is-serqa**.

Illi inoltre' , imbilli karozza ghaddiet, waqfet u telqet wara ftit hin ma jfissirx li kienet involuta fis-serqa, ghaliex hadd ma jaf x' ghamlu dawk il-persuni li nizlu mill-vettura, aktar u aktar hamsa u erbghin minuta qabel is-serqa.

Illi *di piu'* , jigi umilment sottomess ukoll illi l-istils li gew prodotti ma huma xejn cari, u filfatt **l-ebda persuna ma tingharaf min hi ezattament.** Illi l-Prosekuzzjoni ittantat tipprova tipprova l-fatt li x-xufier tal-vettura kien Christopher Scerri ghaliex skont hi mill-*cameras* ix-xufier deher liebes t-shirt ahdar b' xi disinn isfar; u meta marru gor-residenza ta' Muriel Micallef, li kienet tigi l-*partner* tal-esponent raw minxur flokk ahdar.

Illi bid-dovut rispett, dan kollu ma jfisser xejn!! L-ewwel nett, l-appellant ma hux l-unika bniedem f' Malta li ghandu flokk ahdar, u barra minn hekk, ghalkemm meta l-Pulizija eccedew fil-propjeta' ta' Muriel Micallef raw dan il-flokk minxur u qaltilhom

li hu ta' Chris, hi stess ikkonfermat li dak iz-zmien lanqas biss kienu flimkien u filfatt meta marru l-Pulizija fir-residenza taghha, Chris lanqas biss kien hemm. Illi f' dan ir-rigward, jinghad ukoll illi dak kollu li qalet l-istess Muriel Micallef lill-Pulizija, ukoll ma jistax jitqies bhala wiehed ammissibbli stante' li l-istess Muriel Micallef ma kellhiex id-dritt li tkun assistita minn Avukat, sabiex tirrilaxxa din l-informazzjoni; u ghaldaqstant ghandha tigi skartata.

Illi kif diga gie rilevat aktar ' l fuq, l-izjed prova li pruvat issahhah l-kaz taghha l-Prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' Omar Pisani. Illi kif diga' gie rilevat, dan ix-xhud ma hu xejn kredibbli stante' illi minbarra l-fatt li ghandu kondotta refrattarja, mix-xhieda tieghu stess tohrog l-esiztenza biex jixhed u certi indikazzjonijiet li juru li ma hu xejn kredibbli.

Illi f' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghall-fatt li Joseph Mallia, il-persuna inkarigata mit-tehid tal-impronti tas-swaba' taz-zewg imputati, irrizulta illi filfatt **<u>l-impronti tas-swaba' kollha irrizultaw fin-NEGATTIV,</u>** u ghaldaqstant l-ebda prova f' dan ir-rigward ma ngiebet.

Ghalhekk, meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' tizen il-provi kollha prodotti ser tinnota illi l-provi li ngiebu, bir-rispett kollu, ma humiex bizzejjed biex Qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-esponenti Chris Scerri wettaq l-imsemmija serqa; u ma jwasslu ghall-ebda konkluzzjoni. Il-provi materjali li gew prodotti, fil-verita' ma jwasslu ghall-ebda prova, filwaqt illi x-xhud principali li pproduciet il-Prosekuzzjoni, u cioe' Omar Pisani, ma kien xhud kredibbli xejn, kemm tenut il-karattru tieghu, u kif ukoll l-imgieba tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u sahansitra l-komplicita' tieghu fil-kaz odjern. Fl-ahhar nett, il-provi cirkostanzjali illi ingiebu mill-Prosekuzzjoni ukoll ma jwasslu ghal imkien stante' illi kif diga' gie sottomess mill-esponent, il-flokk li gie ezebiet ma hux uniku f' Malta, u lanqas ma gie sodisfacentement ippruvat li filfatt dak il-flokk intuzat fis-serqa in kwistjoni. Inoltre' , hemm dubju serju rigward il-hin tas-serqa, peress illi l-familja Lia xehdu li din is-serqa saret ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart, it-tmienja ta' filghodu

(07:45hrs-08:00hrs) meta filfatt l-istils mill-*cameras* juru illi din il-vettura suspettata telqet minn hem fis-sebgha u ghaxra ta' filghodu (07:00hrs).

Ghaldaqstant, bid-dovut rispett, ma kien xejn *safe and satisfactory* illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, stante' illi ma kienx sodisfacentament ippruvat illi l-appellanta kienet involuta fil-kaz odjern, ahseb u ara kemm gieghlet lil Meilaq imur jittallab il-flus. F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti tal-Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, aktar u aktar in vista tal-karattru tax-xhud principali Omar Pisani.**

Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **il-Pulizija v. Noel Buhagiar**, deciz fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi**, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*):*

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002]…

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Ghalhekk, l-esponenti appellant, jerga' jirrileva li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx issib lill-istess appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u dan tenut kont tal-aggravja appena elenkati, u sussegwentement l-esponenti appellant, f' dan l-istadju, ghandu jigi liberat mill-istess imputazzjonijiet.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' sentejn prigunerija, meta l-ko-awtur l-iehor inghata sentenza sospiza fil-konfront tieghu.

Illi qabel xejn, l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' *Principles of Sentencing* (Heinemann, London, 1979)3, ta' David Thomas, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** <u>moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003),</u> il-Qorti qalet illi:

> *' Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u*

*kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.'*

F' dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' *Probation*.

*' Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…** Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe'*

*ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, <u>deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008,</u> il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

' Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "*Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux***

***zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

> F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]
>
> Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi inoltre' , l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-kaz in kwistjoni sehh madwar disa' (9) snin ilu, u ghalhekk dan kellu wkoll jimmilita favur l-esponenet meta l-Qorti giet biex tapplika l-piena fil-konfront tal-esponent.

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponent umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat; filwaqt illi jekk kellha tinstab htija fil-konfront tal-appellant, u dan qieghed jinghad minghajr ebda pregudizzju, il-piena erogata fil-konfront tieghu kellha tkun aktar ekwa u gusta.

Ikkunsidrat,

Qabel ma din il-Qorti ser titratta l-aggravji tal-appellant qeda tirrileva ex officio li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ghandha formalita' nieqsa u dan ghaliex minn esami tad-decide tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l- 24 ta' Settembru 2018 ma jirrizultax li l-ewwel Qorti iccitat l-artikoli tar-reati li taghhom sabet lill-appellant Christopher Scerri hati. In fatti l-ewwel Qorti tipprovdi s-segwenti:-

"*Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat Christopher Scerri u ommisses hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u wara li rat l-artikoli tal-ligi, tikkundanna lill-imputat Christopher Scerri ghall-piena ta' prigunerija ghal sentejn ( 2) filwaqt li tordna li s-sentenzi datati 14 ta' Novembru, 2007 moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli u dik datata 14 ta' Jannar, 2008 moghtija mill-Magistrat Michael Mallia jibdew isehhu mill-illum*".

Illi gie ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[1]"; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[2]" u ohrajn)

Jigi rilevat li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena **w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat**[3];

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 1994
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005.
[3] Enfasi tal-Qorti

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[4] "; "**Il- Pulizija vs. Joseph Zahra**[5] " "**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat** [6]" u 28.6.2002] "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[7] " u ohrajn.

Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza anki meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[8] " ,"**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[9] ." u ohrajn.) Ovvjament l-istess japplika meta jigi citat artikolu inezistenti ghax ikun gie abrogat.

Illi konsegwentement dawn id-difetti riskontrati fuq imsemmija necessarjament iridu jwasslu lil din il-Qorti biex "ex officio" tannulla s-sentenza appellata. In vista tal-provvediment infraskritt mhux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra tal-appellant f' dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, terga' tirrimetti l-kaz lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi mismugh u deciz skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.
(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta Settembru 2003
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Lulju 2002 u t-28 ta' Gunju 2002.
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2002
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta Mejju 1987
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005